# L-Iskola Primarja tas-Subien tal-Mosta

## *xi waqtiet mill-ħajja skolastika*

L-istorja ta' skola toffri ħafna waqtiet li għalkemm weħidhom jistgħu jidhru ta' ftit importanza, meta jinġabru flimkien jitfgħu dawl fuq il-kumplessità tal-ħajja skolastika fi skola matul iż-żmenijiet. F'din il-kitba se nitfgħu dawl fuq żewġ aspetti mill-passat ta' l-Iskola tas-Subien tal-Mosta li, għalkemm jistgħu jidhru li m'għandhom x'jaqsmu ma' xulxin, fl-istess ħin, it-tnejn kienu importanti fl-edukazzjoni ta' studenti Mostin fi żmenijiet oħra.



Ħaġar Qim: wieħed mill-postijiet li żaru t-tfal Mostin fiż-żjajjar kulturali tagħhom matul is-snin

### Il-ħanut tax-xogħol

F'xi skejjel primarji Maltin kont issib sas-snin sebgħin tas-seklu għoxrin ħwienet tax-xogħol *(workshops)* bħala parti integrali mill-iskejjel tas-subien. Dawn il-workshops kienu jħarrġu lill-istudenti maskili fis-sengħa ta' l-injam. Ta' min jinnota li sa mill-1919 waqt waħda mil-laqgħat li kienu jsiru bejn il-Kap ta' l-Iskola u l-istaff tiegħu, wieħed mill-għalliema esprima l-fehma li s-subien kienu żgur ikunu ħerqana li kellhom jiġu mgħallma s-sengħa ta' l-injam. Is-surmast ħaseb li l-idea kienet waħda tajba imma deherlu li, sfortunatament, ma kienx hemm post fl-iskola fejn setgħu jitgħallmu dan il-mistier. Is-surmast osserva li fost l-għalliema kellu mastrudaxxa tajjeb ħafna, barra li kien hemm għalliem ieħor dilettant tax-xogħol ta' l-injam, imma n-nuqqas ta' spazju, u forsu wkoll dak ta' l-għodda, ma kenux jippermettu li dawn l-għalliema juru din il-ħila li kellhom.

Madankollu dan il-ħsieb u din ix-xewqa seħħu aktar tard. Insibu li l-ewwel ħanut tax-xogħol ta' l-iskola nfetaħ madwar is-sena 1936 u b'hekk l-istudenti subien bdew jieħdu taħriġ fis-sengħa ta' mastrudaxxa. Xogħol li kien isir f'dan il-ħanut kien jinkludi xogħol ta' ċertu kobor bħal xi librerija *(bookcase)* li wara kienu wkoll jinxtraw mill-istess studenti li jagħmluhom. L-Uffiċċju ta' l-Edukazzjoni kien iħeġġeġ l-iskejjel li kellhom *workshop* biex iżidu l-produzzjoni ta' l-għamara għall-iskola. Id-Direttur ta' l-Edukazzjoni ried ukoll ikun jaf kemm kienu qed isiru oġġetti f'dawn il-ħwienet tax-xogħol. Bħala risposta għal din il-mistoqsija, is-surmast ta' l-Iskola Primarja tas-Subien tal-Mosta informa l-Uffiċċju ta' l-Edukazzjoni li l-istudenti kienu għamlu numru ta' oġġetti u servizzi għall-iskola. Fosthom isemmi: tliet xkafef għall-kotba għall-klassijiet; tiswija ta' ħames *blackboards;* tiswija u żebgħa ta' mejda; u, twaħħil ta' serratura fis-sezzjoni ta' l-iskola li kienet fl-Oratorju tal-Mosta. Saru wkoll erbgħin strixxa ta' l-injam biex fuqhom jitwaħħlu l-istampi fil-klassijiet u ħamsa u għoxrin ABC *boards* għall-klassijiet ta' l-*infants.* Dan kollu sar fi żmien qasir. Naraw li xogħol kien isir mhux ħażin u dan jidher li kien ta' utilità għall-istess skola li kienet tinkorpora fiha l-*workshop.*

➥ ikompli paġna 68




# L-iskola Primarja

➡ minn paġna 67

Il-*workshop* ma kienx biss ta' bżonn għat-tfal ta' l-iskola. Nafu li filgħaxijiet, studenti akbar fl-età kienu jitgħallmu s-sengħa ta' l-injam wara l-ħin tax-xogħol *(evening classes)*. Per eżempju, fis-sena 1961 kien hemm żewġ klassijiet ta' filgħaxija għat-tagħlim tax-xogħol ta' l-injam fil-Mosta.

Il-*workshop* ta' l-iskola f'numru 45 Triq Grognet ma baqax jiffunzjona fl-1975. Skond korrispondenza tal-Kap ta' l-Iskola lid-Direttur ta' l-Edukazzjoni, nafu li l-ħanut tax-xogħol fil-post imsemmi ntuża, l-ewwel mill-Iskola Primarja u fl-aħħar żmenijiet minn dik Sekondarja. Is-surmast talab lid-Direttur biex il-fond li ma baqax jintuża għax-xogħol ta' l-injam jinżamm bħala *gym* fejn isir l-isport jew għal attivitajiet edukattivi oħra għall-iskejjel primarji. Fir-risposta, l-Uffiċċju ta' l-Edukazzjoni ma laqax din it-talba. Fis-snin sebgħin spiċċat għal kollox il-prattika li jkun hemm ħanut tax-xogħol ma' l-Iskola Primarja tas-subien fil-Mosta.

## Ħarġiet edukattivi u kulturali

F'dawn iż-żmenijiet saret ħaġa komuni li l-istudenti jittieħdu numru ta' ħarġiet kulturali u edukattivi b'mod regolari. Ħafna tfal ikunu qed jistennew l-għalliema tagħhom bil-ħerqa biex jaraw fejn sa jeħduhom minn żmien għal żmien. L-edukazzjoni għandha tkun imżewqa u dawn il-ħarġiet, filwaqt li jgħinu biex it-tagħlim ikun aħjar, għax tara u tmiss dak li qed titgħallem dwaru, fl-istess ħin jaqta' s-sistema ta' sigħat twal fl-istess post u ambjent.

Ta' interess hu l-fatt li dawn iż-żjajjar ma bdewx illum. Insibu li l-ewwel żjara dokumentata fil-*Log Book* ta' l-Iskola tas-Subien tmur lura għat-22 ta' Marzu 1900. Inqas minn sentejn mill-ftuħ ta' l-iskola l-ġdida fil-Mosta naraw li l-għalliema u l-istudenti tagħhom marru f'karozzini sa l-Imdina, Ħad Dingli u l-Buskett. Forsi wieħed jista' jobsor għaliex fl-ewwel ħarġa tagħhom it-tfal Mostin ittieħdu f'dawn il-postijiet. Il-probabbiltà hi li dawn l-imkejjen kienu qrib tal-Mosta u forsi l-ispejjeż inżammu baxxi. Snin wara saru ħarġiet oħra, imma issa d-destinazzjonijiet kienu aktar imbiegħda u avventurużi. Naraw li f'ħarġa fl-1923, it-tfal ta' Standards V u VI, 37 b'kollox, ittieħdu Birżebbuġa. Fi triqthom żaru t-Tempji Neolitiċi ta' Ħal Tarxien, l-Ipoġew ta' Ħal Saflieni u l-ajrudrom ta' Kalafrana. Din ir-rotta jidher li kienet waħda popolari għax ftit snin wara nerġgħu nsibu lis-surmast jitlob permess biex jieħu 120 student fuq ħarġa edukattiva lejn numru ta' postijiet fin-nofsinhar ta' Malta. Dawn kienu: it-Tempji ta' Ħal Tarxien, l-Ipoġew ta' Ħal Saflieni, l-ajrudromi ta' Kalafrana u Ħal Far u l-Bajja ta' San Ġorġ (Birżebbuġa). L-ispiża kellha tlaħħaq £6.15s maqsuma f' £4.10s għal tliet karozzi tal-linja iġorru 26 persuna l-waħda u xarabank oħra li ġġorr 48 persuna bi spiża ta' £2. 5s.

Li tieħu 120 tifel fuq ħarġa waħda mhix ħaġa faċli u nistgħu nimmaġinaw li f'dawk iż-żmenijiet, meta t-trasport kien aktar bil-mod u anqas effiċjenti, l-intrigu

➡ ikompli paġna 69


VASSALLO CONCRETE SUPPLIES LTD.






SUPPLIERS OF:

■ ready mixed concrete ■ precast concrete components ■ hollow concrete building blocks ■ sand and spalls ■ roofing beams and blocks ■ torba

LAND AND ESTATE DEVELOPERS, WIED IL-GHASEL, BURMARRAD SPB08.
TEL: 430774, 577399. FAX: 437111

# L-iskola Primarja

➡ minn paġna 68

fuq l-ghalliema kien ikun akbar. Dan kollu ma jidhirx li kien jaqta' qalb is-surmastrijiet ta' l-iskola tas-subien ghax fil-fatt, f'post iehor fil-*Log Book* ghas-sena 1929 hemm imniżżel li ġiet organizzata ħarġa oħra għal madwar 120 student. Għal din l-eskursjoni t-trattattivi ma' l-Uffiċċju ta' l-Edukazzjoni kienu damu sejrin ghal xi ġimghat. Is-surmast kien talab permess biex jonfoq £7. 10s ghal ħames karozzi tal-linja u kien qed jipproponi li jżur il-Buskett, il-Villa Rumana, Binġemma, l-Imġarr, Ghajn Tuffieħa u San Pawl il-Baħar. Milli jidher l-Uffiċċju m'għoġbitux din l-ispiża. Nafu li bl-użu tat-telefon is-surmast informa lill-iskrivana li kienet tieħu ħsieb il-kontijiet ta' l-Uffiċċju ta' l-Edukazzjoni li naqqas l-ispiża u biddel ir-rotta oriġinali u din informatu li, issa l-ħarġa ġiet approvata. L-istudenti kellhom iżuru l-Buskett, il-Villa Rumana, Ħaġar Qim, l-Imnajdra, Ħal Far u Birżebbuġa. L-ispiża niżlet għal £1. 5s kull xarabank.

Bil-permess f'idu, is-Surmast ħa 120 student fuq din il-ħarġa edukattiva fis-7 ta' Frar, u jumejn wara niżżel fil-*Log Book* rapport qasir fuq dak li kien ġara. Fil-fatt il-postijiet li raw it-tfal kienu l-Villa Rumana, il-Buskett, Ħaġar Qim u l-Imnajdra, Ħal Far, Kalafrana u l-Ipoġew ta' Ħal Saflieni. L-għalliem responsabbli kien is-Surmast filwaqt li, barra l-Kap ta' l-Iskola, żewġ għalliema oħra wkoll taw sehemhom biex ifissru lill-istudenti dak li kienu qed jaraw fiż-żjara tagħhom. Is-suġġett li kienu kkonċentraw fuqu kien l-Istorja.

L-istudenti marru numru ta' ħarġiet oħra u għadhom jagħmlu hekk sal-lum. Ta' interess inżidu li fit-13 ta' Mejju 1937 jidher li, għall-ewwel darba, l-istudenti subien kollha marru jaraw film *talkie* (jiġifieri 'jitkellem)', għax qabel il-films kienu bla kliem jew *silent*. Huma marru fiċ-ċinema Roxy f'Birkirkara. It-tfal Mostin bdew iduqu dejjem iktar mit-teknoloġija moderna kif din bdiet dieħla f'Malta ftit ftit.

Nixtieq nirringrazzja lis-Sur J. Azzopardi, Kap ta' l-Iskola Primarja E.B. Vella għall-għajnuna tiegħu biex nikkonsulta d-dokumenti skolastiċi li għamluha possibbli li nikteb dan l-artiklu.

Log Book VI (Boys), 20 ta' Frar 1919.

Log Book VII (Boys), 15 ta' Lulju u 25 ta' Settembru, 1936.

Mosta Workshop File, nota mhux datata.

Ibid., ċirkolari, MED.F ì.1.55, 18 ta' Novembru 1955.

Ibid., ittra, Mosta Boys', 16 ta' Diċembru 1955 lid-Direttur ta' l-Edukazzjoni.

Ibid., ittra, Department of Education, Evening Classes, 5 ta' Settembru 1961 lill-kap ta' l-Iskola, Mosta Boys'.

Ibid., ittra, Boys' Primary School Mosta, 11 ta' Settembru 1975 lid-Direttur ta' l-Edukazzjoni.

Ibid., ittra, Education Office Valletta, 11 ta' Ottubru 1975 lis-Surmast, Boys' Primary School Mosta.

Għal aktar tagħrif fuq il-workshop, ara Cassar. G. (1999) **Ġrajja ta' Skola; L-Iskola Primarja tal-Mosta fis-Sekli Dsatax u Għoxrin,** Kunsill Lokali Mosta, pp. 86-7 u 119-120.

Log Book I (Boys), 23 ta' Marzu 1900.

Log Book VI (Boys), 18 ta' Diċembru 1923.

Log Book VII (Boys), 10 u 28 ta' Jannar u 9 ta' Frar 1929.

Ibid., 13 ta' Mejju 1937.

*Dr. George Cassar B.A.(Educ.), M.Ed., Ph.D.*

framegrip LTD

Mosta Road, Lija BZN 09,
Tel: 419787 - 419788
434948
Fax: 419862

FOR ALL KINDS OF
ALUMINIUM APERTURES